# KUMITAT KONSULTATTIV DWAR IL-KONDOTTA TAL-MEMBRI

# RAPPORT ANNWALI 2022

## DAĦLA

Bi qbil mal-Artikolu 7(6) tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament fir-rigward tal-Interessi Finanzjarji u l-Kunflitti ta' Interessi (Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew; minn hawn' il quddiem: il-Kodiċi ta' Kondotta), il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri (minn hawn 'il quddiem: il-Kumitat Konsultattiv) jippubblika rapport annwali dwar il-ħidma tiegħu.

Ir-Rapport Annwali dwar il-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 ġie adottat mill-Kumitat fit-28 ta' Marzu 2023.

## Werrej


**1. L-isfond**

**2. Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri tal-Parlament**

2.1 Kompożizzjoni

2.2 Il-President

2.3 Laqgħat fl-2022 u fl-2023

2.4 Kompiti

2.5 Ħidma li saret matul is-sena

**3. Attivitajiet marbuta mal-Kodiċi ta' Kondotta**

3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

3.2 Proċedura ta' monitoraġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

3.3 Statistika

**4. Amministrazzjoni**

**Sommarju**

Dan ir-rapport jkopri l-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2022.

Il-Kumitat Konsultattiv intalab jeżamina każ wieħed ta' ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Kumitat irċieva tliet talbiet mingħand il-Membri li kienu qed ifittxu gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat ta l-parir tiegħu b'mod kunfidenzjali u fi żmien l-iskadenza prevista mill-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Kumitat kompla japplika l-ogħla standards ta' etika u trasparenza għas-servizz tal-Membri u tal-istituzzjoni.

Il-Kumitat kompla jirrifletti wkoll dwar kif jista' jtejjeb il-funzjonament tiegħu u jissensibilizza lill-Membri dwar l-obbligi ta' etika u trasparenza tagħhom skont il-Kodiċi ta' Kondotta. Barra minn hekk, il-Kumitat huwa impenjat li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont fil-qafas tal-ewwel passi tal-Parlament attwali u l-miżuri fuq terminu medju sa terminu itwal, abbażi tal-esperjenza tiegħu.

Bi qbil mal-Artikolu 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, is-servizz amministrattiv kompetenti (l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza, li tipprovdi s-Segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv) kompla jissottoponi d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji kollha tal-Membri għal kontroll ġenerali ta' kredibbiltà mressqa mill-Membri matul is-sena. Barra minn hekk, f'konformità mal-prattika li ilha stabbilita, l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri kompliet tirrispondi għat-talbiet imressqa mill-Membri jew mill-assistenti tagħhom, bil-għan li tgħinhom japplikaw korrettament id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu.

L-għadd ta' dikjarazzjonijiet aġġornati tal-interessi finanzjarji ppreżentati kien ta' 99, li jikkorrispondi għal 88 Membru. Fosthom, ġew ippreżentati 30 dikjarazzjoni minn Membri ġodda. Barra minn hekk, 38 Membru ppreżentaw 82 dikjarazzjoni ta' attendenza f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi. Fl-aħħar nett, ġew innotifikati 52 rigal.

# 1 L-ISFOND

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-Interessi Finanzjarji u tal-Kunflitti ta' Interessi jistabbilixxi l-prinċipji gwida dwar il-kondotta u d-dmirijiet ewlenin tal-Membri fl-eżerċizzju tal-mandati tagħhom. Skont il-prinċipji gwida, il-Membri għandhom jaġixxu biss fl-interess pubbliku u ma għandhom jaċċettaw l-ebda benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett jew xi kumpens ieħor.

Skont l-Artikolu 2(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'lobbying professjonali bi ħlas li jkun marbut direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni. Ir-restrizzjonijiet fuq iċ-ċirkostanzi li taħthom l-ex Membri huma minflok intitolati li jwettqu attivitajiet ta' lobbying jew ta' rappreżentanza huma stabbiliti skont l-Artikolu 6 tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi definizzjoni ta' "kunflitt ta' interess" (jiġifieri interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq il-qadi tad-dmirijiet ta' Membru) u jistabbilixxi l-passi meħtieġa biex jiġi indirizzat. Jekk il-Membru ma jkunx jista' jsolvi l-kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali, huwa għandu jgħarraf bil-miktub lill-President. Fejn kunflitt bħal dan ma jkunx evidenti mid-Dikjarazzjoni tal-Interessi Finanzjarji tiegħu, il-Membru għandu jiżvela wkoll kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali qabel ma jitkellem jew jivvota fil-plenarja jew f'wieħed mill-korpi tal-Parlament, jew jekk jiġi propost bħala rapporteur, fir-rigward tal-kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata.

Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta jistabbilixxi regoli dettaljati rigward id-Dikjarazzjoni tal-Interessi Finanzjarji. B'mod partikolari, il-Membri għandhom ir-reponsabbiltà li jippreżentaw dikjarazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni obbligatorja kollha meħtieġa b'mod preċiż (eż. ix-xogħlijiet b'remunerazzjoni jew le, attivitajiet oħrajn, is-sħubijiet għat-tliet snin qabel ikunu saru Membri u wkoll matul il-mandat tagħhom bħala Membri, il-parteċipazzjoni tagħhom f'kumpaniji jew sħubijiet, l-appoġġ riċevut u l-kategorija rispettiva ta' dħul). Il-Membri huma ħielsa li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali. Id-dikjarazzjoni inizjali ssir qabel tmiem l-ewwel seduta plenarja wara l-elezzjonijiet Ewropej jew sa 30 jum minn meta jieħdu l-kariga ta' Membru matul il-leġiżlatura parlamentari. Jekk isseħħ xi bidla, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni riveduta sa tmiem ix-xahar ta' wara. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fil-korpi tiegħu, jinħatar bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunx ippreżenta d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.

L-obbligi ta' żvelar huma kkomplementati mill-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, il-Membri huma meħtieġa jiddikjaraw mingħajr dewmien l-attendenza tagħhom f'avvenimenti organizzati minn persuni jew organizzazzjonijiet barra minn delegazzjoni uffiċjali tal-PE, jekk l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u/jew tas-sussistenza jkunu tħallsu jew ġew rimborżati minn oħrajn (ħlief għal ċerti kategoriji: istituzzjonijiet tal-UE, awtoritajiet tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, partiti politiċi, eċċ.).

Il-Membri għandhom l-obbligu li jgħarrfu lill-President u jgħaddu r-rigali kollha li jirċievu meta jirrappreżentaw lill-Parlament f'kariga uffiċjali. Barra minn hekk, fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-Membri m'għandhomx jaċċettaw rigali b'valur approssimattiv ta' aktar minn EUR 150.

Dawn id-dikjarazzjonijiet u r-reġistru tar-rigali uffiċjali huma direttament aċċessibbli fuq is-sit web pubbliku tal-Parlament.

L-obbligi kollha ta' dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija jirriflettu l-impenn qawwi tal-Parlament lejn it-trasparenza u l-etika. Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi wkoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv jeżamina kull ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-President jista' jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi waħda mill-pieni msemmija fl-Artikolu 176 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

# 2 Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri tal-Parlament

## 2.1 Kompożizzjoni

Il-Kumitat Konsultattiv ġie stabbilit mill-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Skont l-Artikolu 7(2) u (3) tal-Kodiċi ta' Kondotta, fil-bidu tal-mandat tiegħu, il-President jaħtar ħames Membri permanenti minn fost il-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament, filwaqt li jikkunsidra l-esperjenza tagħhom u l-bilanċ politiku.

Għat-tieni sentejn u nofs matul id-disa' leġiżlatura, il-membri permanenti li jiffurmaw il-Kumitat Konsultattiv, maħtura mill-President fis-16 ta' Marzu 2022, kienu:

- is-Sa Danuta Maria HÜBNER (PPE, Polonja);
- is-Sur Giuliano PISAPIA (S&D, l-Italja);
- is-Sur Pascal DURAND (dak iż-żmien Renew, Franza), sostitwit mis-Sur Gilles BOYER (Renew, Franza) fis-7 ta' Diċembru 2022;
- is-Sa Heidi HAUTALA (Verts/ALE, Finlandja);
- is-Sur Geert BOURGEOIS (ECR, il-Belġju).

Fil-bidu tal-mandat tiegħu, il-President jaħtar ukoll Membru ta' riżerva għal kull grupp politiku li ma jkunx rappreżentat fost il-Membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv. Għat-tieni sentejn u nofs matul id-disa' leġiżlatura, il-membri ta' riżerva kienu:

- is-Sur Gerolf ANNEMANS (ID, il-Belġju);
- is-Sur Helmut SCHOLZ (The Left, il-Ġermanja).

## 2.2 Il-President

Bi qbil mal-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, tal-Kodiċi ta' Kondotta, kull Membru permanenti tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, din l-alternanza fil-prinċipju ssegwi l-ordni dixxendenti tal-kobor tal-gruppi politiċi li tagħhom jagħmlu parti l-Membri tal-Kumitat.

Fl-2022, is-Sa HÜBNER u s-Sur PISAPIA kienu l-membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv li servew bħala Presidenti.

## 2.3 Laqgħat fl-2022 u fl-2023

Il-kalendarju tal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv għall-2022 ġie adottat fis-26 ta' April 2022 u l-Kumitat Konsultattiv sussegwentement iltaqa' fi tmien okkażjonijiet kif ġej:

**Kalendarju tal-laqgħat reali fl-2022**

It-Tlieta 26 ta' April (laqgħa kostituttiva)
It-Tlieta 17 ta' Mejju
L-Erbgħa 15 ta' Ġunju
It-Tlieta 5 ta' Lulju
L-Erbgħa 14 ta' Settembru
It-Tlieta 27 ta' Settembru
It-Tlieta 18 ta' Ottubru
It-Tlieta 13 ta' Diċembru

Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat Konsultattiv adotta l-kalendarju tal-laqgħat tiegħu għall-2023:

**Kalendarju tal-laqgħat fl-2023**

It-Tlieta 17 ta' Jannar
It-Tlieta 28 ta' Frar
It-Tlieta 28 ta' Marzu
It-Tlieta 25 ta' April
It-Tlieta 30 ta' Mejju
It-Tlieta 27 ta' Ġunju
It-Tlieta 18 ta' Lulju
It-Tlieta 19 ta' Settembru
It-Tlieta 24 ta' Ottubru
It-Tlieta 14 ta' Novembru
It-Tlieta 5 ta' Diċembru

## 2.4 Kompiti

Il-Kumitat Konsultattiv huwa responsabbli għal:

- L-għoti ta' gwida lil Membri, fuq talba tagħhom, dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdi gwida b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju. Kwalunkwe Membru jista' jindirizza lill-Kumitat b'talba għal gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u huwa intitolat li joqgħod fuq tali gwida.

- Il-valutazzjoni tal-allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-għoti ta' parir lill-President dwar azzjoni possibbli li għandha tittieħed.

Din il-valutazzjoni sseħħ fuq talba tal-President skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Meta jkun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru seta' kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu, ħlief f'każijiet manifestament vessatorji, jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konsultattiv. Il-Kumitat Konsultattiv għandu mbagħad jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' lill-Membru kkonċernat. Il-Kumitat jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.

Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena skont l-Artikolu 176 tar-Regoli ta' Proċedura.

## 2.5 Ħidma li saret matul is-sena

### 2.5.1. Allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta

Fl-2022, il-President irrefera każ possibbli ta' ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta lill-Kumitat Konsultattiv.

Ir-riferiment kien jikkonċerna sitwazzjoni allegata ta' kunflitt ta' interess rigward il-parteċipazzjoni ta' Membru fil-votazzjoni ta' riżoluzzjoni tal-Parlament u attività esterna mwettqa fl-istess ħin li hu kien qed jeżerċita l-mandat ta' Membru tal-PE, kif ukoll kwalunkwe "influwenza mhux xierqa" possibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Fil-valutazzjoni tiegħu, il-Kumitat Konsultattiv innota li l-Membri għandhom jevitaw kwalunkwe aġir irresponsabbli li jidher li joħloq kunflitt ta' interess reali jew potenzjali u li l-obbligi ta' żvelar, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Membru, għandhom l-għan ukoll li "[jinforma] lill-pubbliku dwar ir-riskji ta' kunflitti tal-interessi [tal-Membri]"[1].

[1] Is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Dennekamp vs Il-Parlament, T-115/13, EU:T:2015:497, punt 106.

Fir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-President, il-Kumitat Konsultattiv, wara li sema' lill-Membru kkonċernat, ikkonkluda li ma seta' jiġi stabbilit l-ebda ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta f'dan il-każ.

### 2.5.2. Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta

Matul is-sena, il-Kumitat Konsultattiv irċieva tliet talbiet formali skont l-Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu, għal gwida minn Membri dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta.

- Kunflitt ta' interessi u l-attività professjonali tal-konjugi

L-ewwel każ kien jikkonċerna talba għal gwida minn Membru dwar sitwazzjoni possibbli ta' kunflitt ta' interess fir-rigward ta' ħatra bħala rapporteur għal fajl speċifiku u l-attività professjonali tal-konjuġi tiegħu.

Il-Kumitat Konsultattiv innota r-regoli applikabbli skont il-Kodiċi ta' Kondotta u, b'mod partikolari, l-obbligu tal-Membri li jieħdu l-passi meħtieġa biex isolvu kunflitt ta' interess.

Il-Kumitat Konsultattiv indika ukoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea s'issa ċċarat li l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta jiddefinixxi "kunflitt ta' interess" mhux biss bħala interess personali ta' natura li tkun influwenzat effettivament l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu, iżda wkoll bħala sitwazzjoni "li fiha l-interess identifikat jista', f'għajnejn il-pubbliku, jidher li jinfluwixxi l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet uffiċjali"[2].

Il-Kumitat Konsultattiv kien tal-fehma li l-attività professjonali tal-konjuġi tista', f'għajnejn il-pubbliku, tidher li tinfluwixxi l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Membru bħala rapporteur, anki jekk il-Membru jaġixxi b'mod imparzjali u oġġettiv u l-ebda interess personali reali ma jinfluwenza b'mod mhux xieraq l-eżerċizzju tad-dmirijiet tar-rapporteur.

Għalhekk, il-Kumitat Konsultattiv irrakkomanda li l-Membru jikkunsidra li jċedi l-attività ta' rapporteur fil-fajl ikkonċernat bħala azzjoni xierqa biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess reali jew potenzjali.

- Kunflitt ta' interess u attivitajiet esterni

It-tieni talba għal gwida kienet relatata mas-sħubijiet fil-kumitati tal-Membru u l-attività eżerċitata flimkien mal-mandat.

F'dan il-każ, il-Kumitat Konsultattiv fakkar li kwalunkwe attività regolari bi ħlas trid tiġi ddikjarata fid-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Membru, f'konformità mal-Artikolu 4(2)(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta u li din id-dikjarazzjoni jeħtieġ li ssir b'mod preċiż biex tikkonforma mal-ittra u l-ispirtu tal-Kodiċi ta' Kondotta, anke bil-ħsieb li l-pubbliku jiġi infurmat dwar kwalunkwe riskju potenzjali ta' kunflitt ta' interess.

[2] Is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Dennekamp vs Il-Parlament, T-115/13, EU:T:2015:497, punt 106.

Barra minn hekk, il-Kumitat Konsultattiv qies li ma setax jiġi eskluż li l-ħidma tal-Membru tista' twassal għal sitwazzjoni ta' kunflitti ta' interess, b'mod partikolari meta jitqiesu l-kompetenzi tal-kumitati inkwistjoni.

Għalhekk, il-Kumitat Konsultattiv qies li l-Membru għandu jikkunsidra b'attenzjoni partikolari l-obbligi tal-iżvelar ġenerali u speċifiċi, u lill-obbligu li jindirizza kwalunkwe kunflitt ta' interess reali jew potenzjali, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta, billi jastjeni milli jinvolvi ruħu f'attivitajiet parlamentari (inkluż l-abbozzar ta' emendi u l-parteċipazzjoni fil-votazzjoni) jew f'attivitajiet ta' ħidma f'oqsma li jistgħu jaffettwaw wieħed jew l-ieħor.

- Kunflitt ta' interess u sjieda ta' ishma

L-aħħar każ kien relatat mal-possibbiltà ta' sjieda ta' ishma u li wieħed jirċievi opzjonijiet fuq l-ishma, filwaqt li tiġi żvelata din l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji u mal-eżistenza jew le ta' kunflitt ta' interess f'każijiet ta' ishma ta' minoranza u laqgħat ma' rappreżentanti mill-kumpanija kkonċernata.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat Konsultattiv innota li ma hemm l-ebda obbligu ġenerali fil-Kodiċi ta' Kondotta li jiġu ddikjarati l-ishma kollha li Membru jista' jkollu. Madankollu, għal raġunijiet ta' trasparenza u bil-ħsieb li l-pubbliku jiġi infurmat dwar kwalunkwe riskju potenzjali ta' kunflitt ta' interess, "ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibilità ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il- parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni" trid tiġi ddikjarata fid-Dikjarazzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Membru. L-istess japplika għal "kwalunkwe interess finanzjarju ieħor li jista' jinflwenza l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Membru" u għal kwalunkwe "parteċipazzjoni f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji" (l-Artikolu 4(2)(d) (f) u (h) tal-Kodiċi ta' Kondotta).

Il-Kumitat Konsultattiv kien tal-fehma li azzjonist b'minoranza jista' jsib ruħu f'kunflitt ta' interess skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta, peress li l-perċentwal żgħir ta' ishma miżmuma f'kumpanija partikolari ma jipprevjenix l-eżistenza possibbli ta' interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala Membru.

Il-Kumitat ikkunsidra wkoll li kwalunkwe żvelar ta' laqgħat, obbligatorju jew volontarju, huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Membru li jsolvi l-kunflitt ta' interess f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat Konsultattiv irrakkomanda lill-Membru biex ma jkunx involut fl-abbozzar ta' emendi u biex ma jieħux sehem fil-votazzjoni fil-kumitat u/jew fil-plenarja u biex ma jiħux ċerti karigi u/jew dmirijiet dwar suġġetti li jistgħu jagħtu l-impressjoni lill-pubbliku li l-Membru qed jaġixxi f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-kumpanija li l-ishma tagħha huma proprjetà tiegħu/tagħha.

Barra minn hekk, matul dan il-perjodu, is-Segretarjat, f'konformità mal-prattika stabbilita tiegħu, kompla jwieġeb għat-talbiet imressqa mill-Membri jew mill-assistenti tagħhom, bil-għan li jgħinhom japplikaw korrettament id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu.

#### 2.5.3. It-titjib tal-funzjonament tal-Kumitat u s-sensibilizzazzjoni tal-Membri tal-PE

Il-Kumitat Konsultattiv huwa konvint li l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-Parlament dwar l-etika, l-integrità u t-trasparenza hija kruċjali għall-preservazzjoni tad-dinjità tal-Parlament u l-fiduċja taċ-ċittadini. Għalhekk, abbażi tal-esperjenza miksuba, il-Kumitat irrifletta dwar kif jista' jtejjeb il-funzjonament tiegħu u l-qafas eżistenti biex jaqdi bl-aħjar mod lill-Istituzzjoni u lill-Membri.

Il-Kumitat Konsultattiv irrifletta dwar kwistjonijiet bħall-firxa ta' konsultazzjoni mhux vinkolanti li jista' jipprovdi lill-President; u modi aħjar ta' komunikazzjoni mal-Membri u ta' sensibilizzazzjoni tagħhom dwar l-obbligi etiċi, ta' integrità u ta' żvelar, inkluż fil-qasam tal-"kunflitt ta' interessi", anke billi jsir użu aħjar mir-rapport annwali ppubblikat mill-Kumitat.

Il-Kumitat ikkunsidra wkoll li jirrevedi n-nuqqasijiet possibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli applikabbli u kien lest li jirrifletti fuq titjib usa'.

Din ir-riflessjoni issa se tkompli fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-proposti dwar "It-tisħiħ tal-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà – L-ewwel passi", approvati mill-Konferenza tal-Presidenti fit-8 ta' Frar 2023, u ta' miżuri fuq terminu medju sa dawk fuq terminu itwal.

# 3 ATTIVITAJIET MARBUTA MAL-KODIĊI TA' KONDOTTA

## 3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

Skont l-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Membri għandhom ir-reponsabbiltà personali li jippreżentaw dikjarazzjoni dettaljata tal-interessi finanzjarji sa tmiem l-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jew fi żmien 30 jum minn meta jibdew il-kariga tagħhom mal-Parlament matul leġiżlatura parlamentari. Fl-2022, ġew ippreżentati 30 dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji minn Membri ġodda.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) jesiġi li Membru jiddikjara kwalunkwe bidla li tinfluwenza d-dikjarazzjoni tiegħu jew tagħha sa tmiem ix-xahar wara li tkun seħħet din il-bidla. Bħala riżultat ta' dan l-obbligu,ġew sottomessi lill-President 69 dikjarazzjoni aġġornata minn 58 Membru matul is-sena 2022.

## 3.2 Proċedura ta' monitoraġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

L-Artikolu 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta jistipula r-regoli ta' proċedura ta' monitoraġġ li għandha titwettaq mis-servizz kompetenti fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri.

Fejn ikun hemm raġuni li wieħed jaħseb li d-dikjarazzjoni jkun fiha tagħrif manifestament żbaljat, nieqes mis-serjetà, li ma jistax jinqara jew inkomprensibbli, isseħħ verifika ta' kredibbiltà ġenerali f'isem il-President mill-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza, għal skopijiet ta' kjarifika. Il-Membru kkonċernat jingħata żmien raġonevoli biex jirreaġixxi. Fil-każijiet li fihom il-kjarifiki introdotti jitqiesu insuffiċjenti, u għalhekk il-kontroll ma jsolvix il-kwistjoni, il-President jiddeċiedi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita. Fl-2022, ma seħħ l-ebda każ bħal dan.

Matul is-sena kollha, il-proċedura ta' monitoraġġ tapplika għal dikjarazzjonijiet ġodda ppreżentati minn Membri ġodda li jibdew il-mandat tagħhom jibda matul il-leġiżlatura. Hija tapplika wkoll għall-verżjonijiet emendati ta' dikjarazzjonijiet eżistenti.

### 3.3 Statistika

| | | 2019 It-tieni r | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji** | **Ġodda (MEPs ġodda)** | 759 | 39 | 9 | 30 |
| | **Aġġornamenti** | 47 | 129 | 93 | 69 |
| | **Total** | 806 | 168 | 102 | 99 |
| **Dikjarazzjonijiet ta' Attendenza f'avvenimenti organizzati minn partij terzi** | | 79 | 31 | 56 | 82 |
| **Notifiki ta' Rigali** | | 0 | 3 | 1 | 52 |

## 4 AMMINISTRAZZJONI

L-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza tipprovdi servizzi ta' segretarjat lill-Kumitat Konsultattiv u nħatret mis-Segretarju Ġenerali bħala s-servizz kompetenti skont l-Artikoli 2, 3, 4 u 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Id-dettalji ta' kuntatt tagħha huma dawn li ġejjin:

Advisory.Committee@europarl.europa.eu

Parlament Ewropew
Segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri
60, rue Wiertz
SPAAK 07B022
B-1047 Brussell